

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 193

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 55  
30 ta' Ġunju 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

### Il-Kunsill

2012/C 193/01

Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2012 dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola" ..... 1

**MT**

Prezz:  
EUR 3



## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

**Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2012 dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni  
"Produttività u Sostenibbiltà Agrikola"**

(2012/C 193/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv";
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2010 intitolati "Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 "Unjoni tal-Innovazzjoni": Inħaffu t-trasformazzjoni tal-Ewropa permezz tal-innovazzjoni f'dinja li qed tinbidel malajr";
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 li appellaw għal sinerġiji bejn l-UE u l-Istati Membri sabiex jiġi żgurati li innovazzjonijiet li huma ta' benefiċċju għas-soċjetà jilhqqu lis-suq aktar malajr;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2011 dwar "Is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni";
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar "Pjan direzzjonali għal Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza";
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubiji Ewropej għall-Innovazzjoni tal-Kunsill ("Kompetittività") tat-30 u l-31 ta' Mejju 2012;
- fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Innovazzjoni għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoeconomija għall-Ewropa" u d-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen għal bijoeconomija fl-azzjoni ta' Marzu 2012;
- fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni";
- 1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola", li għandha l-għan li trawwem agrikoltura u forestrija kompetittiva u sostenibbli;
- 2. JINSAB KONXJU tal-isfidi u l-possibbiltajiet fil-kuntest taż-żieda fid-domanda globali għall-prodotti agrikoli u konsegwentement għal żieda fil-produzzjoni agrikola; KIF UKOLL tal-isfida li jittejjbu s-sostenibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi filwaqt li jiġu indirizzati kwistjonijiet ambjentali fir-rigward tal-produzzjoni agrikola iġenerali;
- 3. JENFASIZZA l-potenzjal tas-settur Ewropew agroalimentari u tal-forestrija li jikkontribwixxi b'mod attiv għal soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi, u l-potenzjal ta' qligħ minn sorsi ġodda għall-bdiewa Ewropej fil-bijoeconomija li qed tespandi;
- 4. JISSOTTOLINJA n-neċessità li jiġi realizzati il-potenzjal tas-settur agroalimentari Ewropew u tas-setturi 'l fuq u 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet billi titrawwem l-innovazzjoni fil-prodotti, proċessi u servizzi tul il-katina tal-provvista alimentari kollha kemm hi u b'dan il-mod jinħoloq ambjent fejn l-ideat jistgħu aktar faċilment jiġu ttrasformati f'suċċessi kummerċjali biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur agrikolu u dan jippermetti li l-bdiewa jkollhom qligħ minn sorsi ġodda;
- 5. JENFASIZZA l-ħtieġa jitnaqqas id-distakk eżistenti bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-applikazzjonijiet prattiċi tagħha fl-agrikoltura, li jirriżulta f'żieda sostenibbli fil-produzzjoni b'użu aktar sostenibbli tar-riżorsi, u;
- 6. JAQBEL mal-għan tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (SEI) li tithaffet il-veloċità tal-iskambju ta' għarfien u t-trasferiment teknoloġiku mix-xjenza għall-prattika tal-biedja, kif ukoll li jingħata feedback sistematiku rigward il-ħtiġijiet prattiċi mill-biedja lix-xjenza, u b'hekk jiġi pprovdut ambitu operattiv komuni bejn l-agrikoltura, il-bijoeconomija, ix-xjenza, u oħrajn fl-ivell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali;

7. JIRRIKONNOXXI li mod importanti kif jintlaħaq l-għan tas-SEI hu li jinġiebu flimkien l-atturi rilevanti kollha fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali u li jingħataw ideat ġodda lill-Istati Membri dwar kif strumenti u inizjattivi eżistenti jistgħu jiġu razzjonalizzati, simplifikati u kkoordinati aħjar;
8. JENFASIZZA li l-innovazzjoni għandha tifsiriet differenti fi Stati Membri differenti, u li l-innovazzjoni tista' tkun teknoloġika, mhux teknoloġika, jew soċjali, u tista' tkun ibbażata fuq prattiki ġodda jew tradizzjonali u għalhekk azzjonijiet innovattivi għandhom jieħdu kont ta' dawn id-differenzi;
9. JIRRIKONNOXXI l-valur miżjud tal-approċċ minn isfel għal fuq previst mill-Kummissjoni, ibbażat fuq gruppi operattivi u li jiddependi minn razzjonalizzazzjoni effettiva ta' linji ta' politika eżistenti tal-Unjoni u l-involvement tal-Istati Membri u l-partijiet interessati;
10. JENFASIZZA l-fatt li l-EIP ser tisserraħ prinċipalment fuq mekkaniżmi diġà stabbiliti u b'hekk jiġi evitat il-ħolqien ta' strutturi ġodda, iżda ser tissaħħaħ l-effiċjenza ta' dawk eżistenti għall-Politika ta' Żvilupp Rurali u għall-Programm tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-EU, u b'dan il-mod jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda u JTENNI li l-implimentazzjoni tas-SEI għandha tiġi indirizzata permezz tal-mezzi xierqa politiċi u amministrattivi inkluż il-Kumitati tal-Programm;
11. JINNOTA li l-bord ta' tmexxija ta' livell għoli, li jikkonsisti minn rappreżentanti minn Stati Membri u partijiet interessati magħżulin b'mod trasparenti, ser jipprovdni konsulenza strateġika u ser jagħti orjentazzjonijiet lis-SEI bl-istabbiliment ta' pjan strateġiku ta' implimentazzjoni, U JIRRIKONNOXXI l-esperjenza tas-SEI pilota dwar "it-Tixjijiet Attivi u b'Saħħtu" imsemmi fil-Komunikazzjoni u li għalhekk il-governanza tas-SEI għandha tibqa' sempliċi;
12. JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tieħu passi konkreti lejn it-tweqqif ta' pjan strateġiku ta' implimentazzjoni tas-SEI mfassal bil-għan li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha fil-kisba ta' riżultati speċifiċi u innovazzjoni fis-settur agro-alimentari, u JISTENNA B'INTERESS li japprova l-Pjan Strateġiku ta' Implimentazzjoni "Produttività u Sostenibbiltà Agrikola", li ser jagħti konsulenza strateġika lis-SEI.







## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

